



Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8758/26

LIMITE

CORLX 407
CFSP/PESC 607
COAFR 108
COARM 62
CONUN 61

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-
Deċiżjoni 2014/450/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-
Sudan

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/450/PESK tal-10 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/423/PESK¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 203, 11.7.2014, p. 106, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/450/oj>.

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK.
- (2) Fit-28 ta' April 2026, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1591(2005) żied erba' persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi. Jenħtieġ li jiżdedu tliet persuni mal-lista ta' persuni u entitajiet stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/450/PESK.
- (3) Id-Deċiżjoni 2014/450/PESK jenħtieġ li għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/450/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President